# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Lulju, 2018**

**Talba Nru: 156/2018PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Dimech Tonna Antonella Ritianne**
**(ID Nru. 472793(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-19 t' April, 2018 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u disgha u sebghin euro u sebghin centezmi (€1079.70) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40476137 bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 432/17, u bl-imghaxijiet legali.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba senjatament l-istatement datat 26 t' Ottubru, 2017 (Dok. 'A', il-kuntratti sottoskritti mill-intimata (Dok. 'B2') u l-kopja tal-ittra ufficjali bin-numru 432/17 mahruga mis-socjeta` attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz u permezz ta’ nota datata 2 ta’ Lulju, 2018 iddikjarat li kienet qed tammetti t-talbiet kif dedotti fl-avviz.

Sema’ x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tat-2 ta’ Lulju, 2018 li permezz taghha ikkonferma bil-gurament tieghu illi s-somma mitluba ghadha kollha dovuta mill-intimata lis-socjeta` attrici a bazi ta’ dak indikat fl-istess talba odjerna.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi debitament notifikata bit-talba odjerna l-intimata ammettiet t-talbiet kif hemmhekk dedotti permezz tan-nota taghha datata 2 ta’ Lulju, 2018.

Illi ulterjorment l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimata lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-2 ta’ Lulju, 2018.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u disgha u sebghin euro u sebghin centezmi (€1079.70) in konnessjoni ma’ servizzi migbura fil-kont bin-numru 40476137 bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 432/17, u bl-imghaxijiet legali.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**